

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6661/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0034 (NLE)
2018/0036 (NLE)

RECH 89
MED 7
AGRI 111
MIGR 30
RELEX 181
MA 6

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6318/18 - COM(2018) 72 final 6321/18 - COM(2018) 74 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) - <i>Adozzjoni</i> Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) - <i>Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</i>

1. Fid-19 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq. Il-proposti jikkonċernaw il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

2. It-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-22 ta' Jannar 2018, wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill lill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2017 biex tinnegozja f'isem l-Unjoni Ewropea ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-PRIMA.
3. Wara l-laqgħa tiegħu tal-26 ta' Frar 2018, il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar ir-Riċerka/Kwistjonijiet Atomiċi laħaq qbil dwar it-testi tal-Proposti.
4. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill f'sessjoni li jmiss:
 - a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni li tapprova l-iffirmar ta' dan il-Ftehim u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu. It-testi tad-Deċiżjoni u tal-Ftehim, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, jinsabu fid-dokumenti 6532/18 u 6533/18, rispettivament.
 - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 6534/18 (kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) kif ukoll it-test tal-Ftehim imsemmi hawn fuq (kif jinsab fid-dokument 6533/18) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.